# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

## ONOR.IMHALLEF

## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)

## Seduta ta' nhar il-Hamis 25 ta' Gunju 2020

**Rikors Numru : 518/2019 JPG**

**Kawza Numru : 24**

**GC**

**Vs**

**MVB**

## Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ta' GC datat 13 ta' Novembru 2019, a fol 1 et seqq., li jaqra hekk:

1. *Illi l-partijiet iżżewwġu fl-għoxrin ta' Novembru tas-sena elf disa mija tmienja u tmenin (20.11.1988) (ċertifikat taż-żwieġ hawn anness u mmarkat bħala Dok GC1) u minn dan iż-żwieġ kellhom tifel, EFC li twieled fid-dsatax ta' Ġunju tas-sena elf disa' mija wieħed u disgħin (19.06.1991) (ċertifikat tat-twelid anness u mmarkat bħala dok GC 2);*

2. *Illi l-partijiet isseparaw bonarjament b'kuntratt fl-atti tan-Nutar Dorianna Arapa datat ħmistax ta' Novembru elfejn u tlettax (15.11.2013) in forza tad-digriet mogħti mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) datat tnax ta' Novembru elfejn u tlettax (12.11.2013) Kopja tal-kuntratt tas-separazzjoni u tad-digriet ta' awtorizzazzjoni qed jiġu hawn annessi u mmarkati bħala Dok GC 3 u GC 4.*

3. *Illi m'hemm l-ebda tama għal rikonċiljazzjoni bejniethom stante illi barra li ilhom aktar minn erba' snin legalment separati, illum għandhom ħajja totalment separata minn xulxin.*

4. *Illi skond il-kuntratt ta' separazzjoni klawsola 2b u 3d, ir-raġel obbliga ruħu li jgħaddi lill-mara ħlas ta' mitejn Ewro (€200) fix-xahar li jitħallas direttament a favur tal-Bank HSBC Bank Malta p.l.c. u dan sakemm jinqata s-self li l-partijiet kienu ħadu mill-istess bank, liema ħlas qed isir regolarment kif jidher mid-dokument hawn anness u mmarkat GC 5;*

5. *Illi tifel tal-partijiet huwa maġġorenni u l-ebda manteniment ma huwa dovut fil-konfront tiegħu;*

6. *Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissodisfaw il-kondizzjonijiet kollha meħtieġa għall-ksib tad-divorzju skond l-Artikolu 66 B tal-Kodiċi Ċivili (Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta).*

*Għaldaqstant l-esponenti f'dawn iċ-ċirkostanzi jitlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:*

1. *Tippronunzja l-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet;*

2. *Tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex fi żmien indikat minn din l-istess Onorabbli Qorti, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bil-ħall taż-żwieġ tal-partijiet, u sabiex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Il-Qorti fis-seduta tad-19 ta' Frar 2020 spjegat lill-intimata id-drittijiet legali taghha izda hija rrispondiet li ma tehtiegx assistenza legali u li mhux qed toppponi ghad-divorzju;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id–dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat;**

GC xehed (fol 18) illi huwa izzewweġ lil martu fl-20 ta' Novembru 1988 u li minn dan iz-zwieġ għandhom tifel, illum maġorenni. Illi dan iz-zwieġ ma irnexxiex u l-partijiet isseparaw f'Novembru 2013. Xehed illi l-manteniment dejjem tħallas u ma hemm ebda manteniment dovut b'lura. Xehed ukoll illi mid-data ta' separazzjoni 'l hawn, ma kienx hemm rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet.

MVB xehdet (fol 19) u ikkonfermat u ikkorraborat dak li xehed żewġha GC.

**Ikkonsidrat;**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza. [...]***

***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***

***(a) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-miżżewġin ikunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-inqas erba' snin matul il-ħames snin minnufih preċedenti, jew ikunu għaddew mill-inqas erba' snin mid-data tas-separazzjoni legali; u***

***(b) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***

***(ċ) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ-ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif***

***hemm maħsub fl-artikolu 57:***

***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment: [...]***

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta sodisfacentement pprovat illi l-partijiet kienu zzewgu fl-għoxrin ta' Novembru tas-sena elf disa mija tmienja u tmenin (20.11.1988), dok GC 1 fol 4) u li minn dan iż-żwieġ kellhom tifel, illum maġorenni (ċertifikat tat-twelid dok GC 2, fol 5).

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Dr Dorianne Arapa datat ħmistax ta' Novembru elfejn u tlettax (15.11.2013) - dok GC 3 fol 6 - u ghalhekk ilhom legalment separati ghal aktar mill-erba' snin rikjesti mill-ligi.

Jirrizulta ukoll illi arretrati ta' manteniment ma hemmx;

Il-Qorti tqis inoltre li jirrizulta sodisfacentement ippruvat illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Ghalhekk jirrizulta illi l-attur irnexxilu jissodisfa r-rekwiziti kollha mehtiega mil-ligi sabiex z-zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar mill-llum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.**

**Il-Qorti tordna li l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**